TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumstur

Philip Borg

vs

Solar Engineering Ltd.

27 ta' Mejju 2016

CCT G 3/ 16/MS

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent datat 8 ta' Frar 2016 fejn ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jikundanna lis-socjeta intimata li tirrifondi l-ammont ta' mitejn Euro imhallsa zejda fuq ordni ta' pannelli solari maghmula mir-rikorrent.

Ra illi minkejja li Joseph Portelli, in rapprezentanza tas-socjeta' intimata gie notifikat fit-18 ta' Frar 2016, dana ma wegibx ghat-talba tar-rikorrent u ghalhekk ghandu jitqies bhala kontumaci.

**Ikkunsidra**

Illi rrizulta illi permezz ta' ftehim datat 16 ta' Lulu 2015 mart ir-rikorrent obligat ruhha li tixtri sistema ta' pannelli solari minghand is-socjeta' intimata ghas-somma ta' € 6,300. Sussegwentement fit-23 ta' Ottubru 2015, is-socjeta' intimata ghamlet revisioni tal-istima u ddikjarat il-prezz finali fl-ammont ta' €6,100.

Illi fil-25 ta' Awwissu 2015 sar hlas ta' €3,000. Fis-26 ta' Ottubru 2015, sar hlas iehor ta' €3,100 u fit-23 ta' November 2015 sar pagament iehor ta' €200.

Illi r-rikorrent jallega illi dan l-ahhar pagament kien oltre dak illi kien gie miftiehem mas-socjeta' konvenuta u dan il-hlas kellu jsir biex jigi sodisfatt il-grant tal-Gvern bhala sussidju ghal min iwahhal pannelli solari.

Ir-rikorrent jargumenta illi huwa ma kelllux ihallas dawn il-€200 ladarba il-ftehim mas-socjeta' intimata ma kienx jinkludi dan il-pagament. In kontro-ezami, ir-rikorrent ighid illi din id-differenza kienet konsegwenza ta' zball illi hadet is-socjeta' intimata meta ikkalkulat il-grant fis-somma ta' /€2,500, mentri fil-fatt kienet €2,300.

**Ikkunsidra**

Press illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tas-socjeta' konvenuta imhabba l-kontumacja taghha trid toqghod fuq il-versjoni moghtija mir-rikorrent abbinata mad-documenti esibiti fil-process. Dawn jikkorroboraw il-versjoni tar-rikorrent fejn juri zewg stimi, wahda ta' €6,300 u ohra li giet warajha ta' €6,100. B'dan it-tieni dokument is-socjeta' intimata warrbet l-ewwel wiehed u offriet is-servizz taghha ghas-somma ridotta ta' €6,100 li giet accettata mir-rikorrent. Hija din l-ahhar cifra illi torbot lill-partijiet fejn is-socjeta' intimata ntrabtet li tipprovdi s-servizz u r-rikorrent intrabat li jhallas ghal dan is-servizz fis-somma ta' €6,100. Il-fatt illi s-socjeta' intimata setghet hadet zball fil-kalkoli taghha ghal grant tal-gvern m'ghandux jaffetwa r-relazzjoni guridika li rabbtet lill-partijiet.

Bit-tieni ftehim saret novazzioni fejn l-ewwel wiehed gie skartat u gie mess *in vigore* iehor bis-somma ridotta kif fuq indikat. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi r-rikorrent ghandu ragun u mhuwiex tenut illi jhallas aktar milli dak li gie pattwit bejnu u bejn is-socjeta' intimata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi tirrifondi s-somma ta' mitejn Euro (€200.00) imhallsa zejda mir-rikorrent ghal sistema ta' pannelli solari mixtrija minghand is-socjeta' intimata.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**